MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 500/2012

**Michael Attard Limited (C-32362)**

**vs.**

**CAMILLERI John Ivanov (KI-4164-M) u**
**CAMILMAC Service Limited (C-12076)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ elf hames mija u tlieta u sittin ewro u wiehed u tletin centezmu (€1,563.31c) dovuta mill-intimat lis-socjeta` attrici, rapprezentanti import ta’ seba’-(7) kambjali skaduti, accettati u ffirmati mill-intimat.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenuti gew debitament notifikati kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-Avviz tas-Seduta, izda huma ma' kkontestatx it-talba fit-terminu preskritt mil-Ligi.

Ra n-nota pprezentata mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2012, illi permezz taghha hija cediet is-sorte izda zammet ferm il-kap tal-ispejjez.

Ra illi l-partijiet qablu li l-pagament tas-sorte sar fil-mori tal-kawza u li l-kawza ghandha tithalla ghas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjez.

Ra li t-Tribunal ddiferixxa l-kawza ghal dan l-iskop ghas-seduta odjerna.

Ikkunsidra illi l-konvenuti rregolaw ruhhom fil-mori tal-kawza u wettqu l-pagament mitlub minnhom fl-avviz tat-talba. Ikkunsidra li s-socjeta' konvenuta m'ghandiex tbati l-ispejjez li giet kostretta tinkorri sabiex titlob dak dovut lilha skont il-ligi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jesprimi ruhu fuq il-mertu tal-kawza, stante li dan gie cedut mis-socjeta' attrici, jidddeciedi dwar l-ispejjez tal-kawza billi jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez kollha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------